**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**
Segretarjat Ġenerali

**Brussell, 31 ta' Awwissu 2026**

**CM 3952/26**

**Fajls Interistituzzjonali:**
**2026/0144(BUD)**
**2026/0196(BUD)**

**PROCED**
**BUDGET**

## KOMUNIKAZZJONI

### PROĊEDURA BIL-MIKTUB

| | |
|---|---|
| Kuntatt: | ecofin2a@consilium.europa.eu |
| Tel./Fax: | +32 2 281 93 50<br>+32 2 281 25 28 |
| Suġġett: | Adozzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Kunsill dwar:<br>-l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2026: Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti għan-nefqa<br>- l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2027<br>*= Bidu tal-proċedura bil-miktub* |

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti Parti 2 ħa fil-15 ta' Lulju 2026 li tintuża l-proċedura bil-miktub, jekk jogħġobkom indikaw jekk taqblux ma':

(1) (a) l-adozzjoni tal-**pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għall-baġit ġenerali għall-2026**, li taċċetta l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr bidliet, kif spjegat fid-dokument 11539/26, u li din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif tinsab fl-ANNESS 1 tad-dokument 11539/26 u

(b) l-għoti ta' mandat lill-Presidenza biex tippreżenta l-pożizzjoni tal-Kunsill flimkien mal-memorandum ta' spjegazzjoni lill-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 314(3) TFUE, u biex tapprova l-abbozz ta' ittra għal dan l-għan li jinsab fl-ANNESS 2 tad-dokument 11539/26;

(c) l-approvazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill li takkumpanjah kif tinsab fid-dokument 11539/26 ADD 1.

(2) (a) l-adozzjoni tal-**pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2027**, li taċċetta l-bidliet tal-Kunsill għall-proposta tal-Kummissjoni, kif spjegat fid-dokument 11544/26 + ADD 1 + ADD 2, u li din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif tinsab fl-ANNESS 1 tad-dokument 11544/26;

(b) l-għoti ta' mandat lill-Presidenza biex tippreżenta l-pożizzjoni tal-Kunsill flimkien mal-memorandum ta' spjegazzjoni lill-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 314(3) TFUE, u biex tapprova l-abbozz ta' ittra għal dan l-għan li jinsab fl-ANNESS 2 tad-dokument 11544/26;

(c) l-approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill li jakkumpanjawh kif jinsabu fid-dokument 11544/26 ADD 1.

**Għal kull mistoqsija jekk jogħġobkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.**

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet, għajr dawk li diġà saru fil-Coreper.

It-tweġibiet għandhom jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill **mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2026 sa 12:00 (ħin ta' Brussell)**. Dawn għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil **grazia-mattea.targa@consilium.europa.eu**, **aimar.ferranguijarro@consilium.europa.eu**, **karen.geeraert@consilium.europa.eu** u **athanasios.gkoutlas@consilium.europa.eu**.